**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 4 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Anthony Ransley**

**Vs**

**Pio Tabone**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Pio Tabone, iben Alfred u Salvina xebba Deguara, imwieled gewwa l-Pieta'nhar it-3 ta' Ottubru 1973, residenti gewwa 27, Triq San Publiju, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 503273(M);

Talli fit-28 ta Frar 2014 ghall-habta ta' 21:30hrs, gewwa ix-Xatt Qui Si Sana, Sliema:

1) Hebb ghall persuna ta' Kyle Mercieca detentur tal-karta' ta' l-identita' bin-numru 149899(M), u ikkagunalu feriti ta' natura hafifa, hekk kif gie iccertifikat minn Dr. Stephanie Azzopardi, Reg 3369, ta' Floriana Health Centre;

2) Ghamel lil Kyle Mercieca detentur tal-karta’ ta’ l-identita’ bin-numru 149899(M) u lill-Inzaghi Xuereb detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 18399(M), ingurji jew theddid, jew jekk kien provokat,ingurja b’mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghemel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma tiskorrix Euro 2,500, imam huwa izjed min Euro 250 ghad-detriment ta’ Kyle Mercieca u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra dan bi ksur ta’ Artikolu(1)(b) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien ghaddej bil-vettura tieghu minn Triq ix-Xatt ta’ Qui Si Sana, Sliema, fid-data u l-hin indikati, meta ra lit-tifla tieghu barra ma’ xi hbieb. Hu qalilha biex tmur id-dar u kompla jsuq, izda ftit tal-hin wara dawwar il-vettura tieghu u mar lura fejn kienet it-tifla tieghu ftit qabel. Hemm sab lil xi guvintur u staqsihom jekk jafux lit-tifla tieghu. Dawn telqu jigru minn fuq il-post u ghamlu rapport lill-Pulizija li ragel kien aggredihom. Ghalhekk il-Pulizija bdiet l-investigazzjonijiet taghha u kellmet lill-imputat, u wara ttiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti, il-Qorti mhix konvinta ghal kollox li kien hemm l-aggressjoni li allegaw li kien hemm ix-xhieda f'din il-kawza. Huwa minnu li hu inverosimili u inspjegabbli ghal liema raguni l-imputat dawwar il-vettura tieghu u saq lura ghal fejn kienet it-tifla tieghu, u x'hin ra lil dawk il-guvintur, hu waqqaf il-vettura tieghu u hareg ikellimhom. Il-Qorti tissuspetta li graw affarjiet ohra biex l-imputat mar ikellem lil Kyle Mercieca u lil Inzaghi Xuereb fuq bintu, aktar u aktar meta Mercieca irrisulta li kien qed johrog maghha. Ghal din il-Qorti huwa evidenti ferm li z-zewg nahat qed ihallu hafna affarjiet barra mix-xiehda taghhom. Mercieca u Xuereb qed ikabbru dan l-incident, sahansitra biz-zieda tal-hsara volontarja – liema akkuza qatt ma tista' tirrisulta ghax l-imputat ma wettaq ebda hsara diretta fuq il-'mobile' ta' Mercieca. L-imputat, min-naha tieghu, qed jimminimizza dan l-incident u mhux qed jaghti r-raguni ghalfejn mar jikkonfronta liz-zewg zghazagh.

Apparti minn hekk, pero', il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha, u ghalhekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 221(1), 339(1)(e), 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah min kull akkuza kontra tieghu.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**